minn Sqallija, u dawn li ġew kienu Taljani ? Min jaf kenux arjuplani sejrin Tripli u għalhekk iaħassu minn Malta ? Jew inkella, żied igħid wieħed li jidhirlu li jifhem, kienu arjuplani Ġermaniżi telqin minn Sqalllja mhux lejn Malta imma x'imkien ieħor. Hu xinhu t-tama laħqet daħlet fil-qlub.

Imma ma dametx. Għax f'nofsinhar u nofs il-ħin tal-attakki qawwija, is-sirena reġgħet qabdet dik il-karba twila li, f'xi ħinijiet, tħossha tinfidlek qalbek. "Issa żgur ġejja xi waħda" beda jgħid wieħed lill-ieħor; "bħalissa dejjem jidħlu." U min jiġri lejn ix-xeltrijiet, u min igħarrex biex jara jilmaħx xi nikta sewda fl-ajru, min b'widnejn wieqfa jissamma' xi ħoss fil-bogħod. Taqtiq ta' qalb. Sikta. Waslu? U dik l-imbierka ta' sirena, qisha tifla mqarba, reġgħet bdiet tgħajjat u tidħak kemm tiflaħ u tgħidilna li l-għadu tbiegħed, jekk qatt kien qorob.

Fis-siegħa u nofs u fit-tlieta, is-sirena darbtejn karbet u darbtejn daħket, u l-ebda darba ma resqu l-arjuplani lejn Malta.

Dik il-ħajta tama li kienet daħlet f'qalb kullħadd issa bdiet titqawwa. Mela tassew il-Ġermaniżi telqu. Għax kieku riedu jidħlu, kienu jidħlu bħalma daħlu drabi oħra. L-attakki ilhom xi erbat ijiem jonqsu, tarraf wieħed, għax qabel kien ikollna erbgħa jew ħames attakki kbar kull jum, u dan l-aħħar ma kellniex ħlief tnejn kull jum, wieħed f'nofsinhar u l-ieħor fil-għaxija. Barra minn dan, qabeż igħid ieħor, Hitler ma jistax iżomm dawk il-mijiet ta' arjuplani Sqallija meta hu marsus sħiħ mir-Russi u qiegħed jibża' minn Franza.

Ma' nżul ix-xemx is-sirena newwħet mill-ġdid. Did-darba l-bombers Ġermaniżi ġew u tefgħu l-bombi, waqqgħu bini u għamlu ħsara oħra. Imma l-attakk ma kienx qawwi. U t-tama ma metitx.

P. P. S.

**KUMITAT TAL-'GĦAQDA TAL-MALTI (Dockyard)'**

President—Is-Sur Marju Agius.
Segretarju—Is-Sur Karmenu Ellul Galea.
Kaxxier—Is-Sur Dumink De Giorgio.
Membri—Is-Sinjuri Ġeraldu Azzopardi, Mikiel Dalmas, Żarenu Carabott.

# L-14 TA' GUNJU

## JUM IN-NAZZJONIJIET MAGĦQUDA

Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Jingħaqdu l-ġnus ħielsa qawwija, henjin,
Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Qed jagħtu l-ġnus ħielsa tislima 'l xulxin.

Mhux f'jasar qerriedi, w f'mibegħda li taħqar,
Il-lum ħsiebna jiġri, 'ma fl-għaqda u wis-sliem,
Fl-imħabba bejn l-aħwa, bejn bniedem u bniedem,
Fid-dawl ta' kull hena li niksbu 'l quddiem.

Mhux fl-għira li nisslet il-għatx tat-taqbida,
U l-kruha wil-qilla ta' għadu għajjur
Li waddab il-Mewt, u d-demm ċarċar bla ħtija,
Id demm ta' min f'daru kien sieket miġbur;

'Ma l-lum inħoss tidwi bħal għajta li timla
Il-baħħ ta' madwari w li ġejja mill-bogħod,
Mill-art tal-ħelsien li qed tħabrek għas-Sewwa,
U nħoss ma' din l-għajta din qalbi tirtogħod.

Nismagħha qed tamar lill-ġnus fit-taqbida :
Nħabirku bla heda, qalbiena, id f'id,
Neqirdu kull Setgħa ta' Ħażen mid-dinja,
Ħa ngħixu fl-imħabba, ħa nikbru fil-ġid.

Ningħaqdu ħsieb wieħed, qalb waħda, ruħ waħda,
Inxejnu l-egħdewwa, w inqattgħu kull lġiem
Li qed ixekkilna fil-mixja tal-ħajja,
Fil-għaqda: ir-Rebħa, fil-qawwa: is-Sliem.

Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Jingħaqdu l-ġnus ħielsa qawwija, henjin,
Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Qed jagħtu l-ġnus ħielsa tislima 'l xulxin.

Ġużè Chetcuti

14/vi/42.